MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Numru. 107/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Hussein Hamada**

Kaz Numru: 107/2011

Illum 28 ta’ Jannar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Hussein Hamada**, ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Aly Abdelkhalek Abdelaa u Ansaf neé Abd El-Ghany, imwieled Alexandria Egittu, nhar l-20 ta’ Ottubru 1988 u residenti fil-fond Sydney, Flat 4, Triq ta’ Cordina,

Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 25216A, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Novembru, 2011, ghall-habta tal-00.15hrs gewwa Ghajnsielem, Ghawdex:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt u cioé li jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Grech (I.D. Nru. 38766(G)) bi strument jaqta' u bil-ponta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Grech (I.D. Nru. 38766G) bi strument jaqta' u bil-ponta, u dan skont kif gie ccertifikat minn Dr. Coronato Grech MD;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna tal-istess Emanuel Grech kellu fil-pussess tieghu arma regolari;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu u dan ghad-detriment tal-istess Emanuel Grech;.

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Emanuel Grech sabiex jingurjah, idejqu u/jew jaghmillu hsara;

6. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;

7. u aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija tal-imputat, barra l-piena tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 171) datata 5 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 41(1)(a), 214, 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 221(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 251B(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Artikoli 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 197), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Dicembru 2012, f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 198) u anqas ressaq ebda provi.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank A. Tabone jirrimetti ruhu ghall-atti processwali (*a fol.* 201) u semghet it-trattazzjoni da parti tad-difiza (*a fol.* 202 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jinghad li f'din il-parti tad-decizjoni ser issir riferenza biss ghax-xiehda saljenti mismugha mill-Qorti.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed **Dr. Coronato Grech** (*a fol.* 18 *et seq.*) rigward il-griehi li kellu

Emanuel Grech meta dan gie ezaminat, liema griehi gew klassifikati bhala hfief. Ikkonferma certifikat mediku rilaxxat minnu (Dok. "CG 1" – *a fol.* 21). Jghid li dawn il-griehi huma kompatibbli ma' xi haga bil-ponta, bhal sikkina. In kontro-ezami jghid li l-griehi li kellu Grech, kienu friski.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 22 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet maghmula minnu. Jghid li meta l-imputat gie arrestat ma kienx f'kundizzjoni li jirrilaxxa stqarrija peress illi xi nies kienu habtu ghalih u kien qed isofri minn xi griehi u peress li kellu riha qawwija ta' xorb.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Emanuel Grech** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut, waqt li kien fil-kazin tal-futbol ta' Ghajnsielem, l-imputat kien qed jikkumidja bis-sikkina u beda jxejjirha fejn rasu (Grech) u spicca laqghtu fejn widnejh tax-xellug. Jghid li f'hin minnhom, Grech dahhal il-manku fil-polz. Saviour Azzopardi qallu biex iwasslu d-dar. Jghid li l-ghada rega' mar il-kazin u gew jghidlu li l-imputat kien ser imur ghalih b'sikkina u mar jaghmel rapport l-Ghassa. Jghid li l-imputat kien qaccat is-sikkina mix-xafra u hu (Grech) kien gabarha minn mal-art.

In kontro-ezami jghid li mar l-ghada jaghmel rapport l-Ghassa peress illi kienu qalulu li l-imputat kien qed jigri warajh b'sikkina akbar. Jghid li l-imputat beda jaqbad ma' kull hadd. Jghid li wara l-imputat laqtu bis-sikkina, hu (Grech) xejjer u laqtu bi flixkun bi zball fuq rasu. Mistoqsi: *"Allura jigifieri kif laqtek bis-sikkina allura bdejt tiggieled ma' Hamada Hussein?"*, wiegeb: *"Imbaghad beda hiereg id-demm, u firduni, u tlaqt lejn id-dar"* (*a fol.* 48).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PS 1377 Emanuel Cilia** (*a fol.* 50 *et seq.*) rigward ir-rapport (Dok. "FT 6" – *a fol.* 30 *et seq.*) redatt minnu. Huwa xehed rigward il-glieda li kienet sehhet fil-klabb tal-futbol ta' Ghajnsielem.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn qal li hekk kif waslu l-klabb tal-futbol in kwistjoni, ra lill-imputat bi ftit demm f'wiccu u f'rasu. Qal li l-imputat beda jghidilhom: *"sawtuni, sawtuni"* (*a fol.* 55).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2011, **PS 715 Lucian Gatt** (*a fol.* 61 *et seq.*) xehed fuq l-istess linji ta' PC 1384. Jghid li l-imputat beda jghidilhom li ma kienx jibza minnhom u li beda jisfidhom ghall-glied ukoll. In kontro-ezami jghid li ma xamm l-ebda riha ta' xorb fuq l-imputat.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Mario Bugeja** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn beda billi jghid li huwa jahdem fil-klabb tal-futbol ta' Ghajnsielem u li dakinhar tal-akkadut kien hemm madwar 30-35 ruh fil-klabb. Jghid li ra lill-imputat idawwar *steak knife* f'idejh u quddiemu kien hemm il-parti leza Grech u li xi hadd (l-ewwel qal li kien l-imputat u fl-ahhar spicca qal li ma kienx cert) laqghat lil Grech. Jghid li kien hu li nehha s-sikkina minn idejn l-imputat u tefaghha fis-sink. Jghid ukoll li t-tnejn spiccaw bid-demm f'wicchom.

In kontro-ezami jghid li kien ra lill-imputat u lil Grech jixorbu u li mbaghad rahom jiggieldu. Jghid li ma setax jara jekk Grech kellux xi haga f'idu. Jghid li ma setax jara lil Grech jolqot bil-flixkun lill-imputat.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Saviour Azzopardi** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn qal li kien it-*toilet* tal-klabb in kwistjoni u meta hareg ra lil Grech u lill-imputat fl-art. Jghid li Mario Grech kien lehaq firidhom lil Grech u lill-imputat. In kontro-ezami jispecifika li ra lill-imputat fuq Grech mal-art.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2012, xehed **PC 415 Angelo Portelli** (*a fol.* 87 *et seq.*) fejn qal, fost l-ohrajn, li fis-1.00pm kienu hadu lill-imputat l-iSptar Generali ta' Ghawdex u jghid li l-imputat ma kienx f'pozizzjoni tajba hafna ghax kien xorob u wasal ghal din il-konkluzjoni minhabba li xamm riha ta' xorb fuq l-imputat.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **PC 1380 Loreto Zammit** (*a fol.* 89 *et seq.*) fuq l-istess linji ta' PC 415.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn qal li meta wasal fejn il-post tal-akkadut, ra lill-imputat b'xi demm ma' wiccu, dan gie mmanettjat, u li l-imputat beda jipprova jahbat ghalihom u qalilhom xi diskors li ried jipprovokahom ghall-glied.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 114 *et seq.*) in ottemperenza tal-inkarigu moghti lilu fid-29 ta' Novembru 2011 fejn kien gie inkarigat biex jezamina lill-parti leza. Jixhed: *"Rizultat ta' dan l-incident urini lezjoni fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu, kulma kienet lezjoni lenjali, cikatrici kompatibbli ma' end result ta' lezjoni li tidher incizjoni li kienet maghmula. Ma kienx hemm evidenza ta' suture. Ma kinitx tidher hafna minn talking distance, mhux konspikwa u m'hemmx sinjali ta' sfregju fuq wiccu"* (*a fol.* 114). Ezebixxa rapport redatt minnu u li gie mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 117 *et seq.*). Jghid: *"Biex taraha trid tkun taf biha u taraha cikatrici rqieqa hafna"* (*a fol.* 114).

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi jekk jikklasifikax l-i*scar* bhala wahda antika, jghid: *"Cikatrici, cikatrici antika ovvjament, mhux xi haga ta' gimgha ilu, u l-kompatibilta', ma' xhiex tkun kompatibbli importanti u jekk tidhirx jew le u allura tikkostitwixxi dak li nghidlu sfregju"* (*a fol.* 115). Jghid li fl-ahhar mill-ahhar jikklassifika l-gerha bhala wahda hafifa. Jghid: *"F'dan il-kaz il-marka hija tant zghira li trid thares lejha x'hin tkun taf biha u taraha marka zghira taht il-widna, li ghalija minn talking distance ma tghidx "ara daqxejn x'marka ghandu f'wiccu!" ma tidhirx"* (*a fol.* 115).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012, xehed **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 132 *et seq.*) fejn qal li meta l-imputat kien ittiehed l-ghassa kellu xi demm ma' wiccu, u kien jidher fi stat konfuz u ecitat u beda jindirizza lill-Pulizija li ma jipprendihomx, fost affarijiet ohra. Qal ukoll x'beda jghid l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, xehed **Roderick Mercieca** (*a fol.* 182 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien xoghol fil-kazin in kwistjoni u waqt li kien wara l-*bar* ra hafna tazzi tal-plastik jaqghu fl-art u flixken u x'hin kien qed jara x'inhu jigri, hares il-fuq u ra lill-imputat u lil Grech jiggieldu. In kontro-ezami jghid li din kienet l-ewwel darba li ra lil Grech u lill-imputat mqabdin ma' xulxin.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, xehed **Miguel Attard** (*a fol.* 190 *et seq.*) fejn qal li anke hu kien xoghol fil-kazin in kwistjoni u f'daqqa wahda nstema' hafna storbju u hareg jigri minn gor-rassa, sema' hafna hgieg jinkiser. Jiftakar li fil-glieda kien involut l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2012 (*a fol.* 99), l-imputat obbliga ruhu li ma jimmolestax u ma jdejjaqx bl-ebda mod lill-kwerelant li kien prezenti waqt is-seduta msemmija u li in segwitu ta' dan id-dikjarazzjoni, il-kwerelant irrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u dan minkejja x-xhieda diga moghtija minnu. Obbligazzjoni identika da parte tal-imputat u rinunzja identika da parte tal-kwerelant regghet saret fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 144).

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni –**
**(It-Tentattiv ta' l-Offiza Gravi)**:
Illi ghandu jinghad li sabiex jissussisti ir-reat ta' l-offiza volontarja hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fin-Noti tieghu fejn ighid:

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible"*;

izda imbaghad izid hekk:

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo"*.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs. Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *"Manuale di Diritto Penale"* (Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79: *"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e*

*la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravisima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo".*

Illi fid-decizjoni **Ir-Repubbblika vs. Domenic Briffa**, imsemmija aktar il-fuq, il-Qorti kkonkludiet:

"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioé li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza

gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok".

Illi, kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta' l-offiza gravi jew gravíssima l-Prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Illi, b'riferenza ghall-kaz odjern, wara li l-Qorti qieset id-dinamika tal-akkadut, il-griehi sofferti minn Emanuel Grech, il-Qorti jirrizultalha li mill-provi akkwiziti hemm diffikulta kbira sabiex jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Grech.
Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni –**
**(Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Emanuel Grech):**

Illi, kemm fis-seduta tat-22 ta' Frar 2012 u kif ukoll fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, gie verbalizzat (*a fol.* 99 u 144) li l-parti leza Emanuel Grech kien qed irrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u dan sar in segwitu ta' obbligazzjoni da parte tal-imputat fejn obbliga ruhu li bl-ebda mod ma jimmolesta jew idejjaq lill-istess parti leza. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**
**(Pussess ta' Arma Regolari):**

Illi jirrizulta car li effettivament l-imputat kellu fil-pussess tieghu sikkina. Dan jixhdu Emanuel Grech nnifsu meta huwa ta d-depozizzjoni tieghu u qal, fost l-ohrajn, li l-imputat kien qed *"jikkumidja"* (*a fol.* 35) bis-sikkina u li spicca laqtu f'widnejh (*a fol.* 36*).* Jixhed ukoll fuq l-istess linji Mario Bugeja li kien qed jahdem fil-klabb tal-futbol ta' Ghajnsielem. Bugeja jghid li l-imputat kellu *steak knife*

f'idejh u li: *"Din generalment tkun jew fejn il-bar, fuq il-bar; din kienet f'idejn Hussein u jdawwarha"* (*a fol.* 65). Ma jirrizultax li l-imputat kellu din is-sikkina biex jiddefendi lilu nnifsu. Ma jirrizultax lanqas li l-imputat kellu f'idejh is-sikkina in kwistjoni sabiex jikkometti delitt kontra l-persuna ta' Emanuel Grech pero jirrizulta li l-imputat kellu s-sikkina f'idejh semplicement bhala tkessih u biex juri x'kien kapaci jaghmel biha, cioé li joqghod idawwarha. Ghaldaqstant, ma tinstabx htija fl-imputat ghat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Biza' li ser tintuza Vjolenza)</u>:**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B(1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Dak li xehed Grech fir-rigward tal-fatt li huwa mar jaghmel rapport l-Ghassa l-ghada tal-akkadut ghax qalulu li l-imputat kien qed jigri warajh b'sikkina akbar jista' jitqies biss bhala *detto del*

*detto*. Tenut kont ta’ dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li ma giex pruvat li effettivament l-imputat kien b’xi mod ikkaguna biza’ fuq il-persuna ta’ Emanuel Grech li kienet ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-proprjeta’ tieghu jew xi hadd mid-dixxendenti tieghu. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat ukoll mir-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni –**
**(Hebb sabiex Jingurja, Idejjaq jew Jaghmel Hsara):**
Illi riferenza ghandha ssir ghall-konsiderazzjonijiet li diga saru hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, liema konsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* ghall-hames (5) imputazzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-procediment ezawriet ukoll fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni –**
**(Ksur tal-Bon Ordni b’Ghajjat u Glied)**:
Illi, fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma’ gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *‘a breach of public peace’*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita’ taghhom waqt l-incident. M’hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tat-sitt (6) imputazzjoni.

**Is-Seba’ (7) Imputazzjoni –**
**(Recediva):**
Illi fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2012 (*a fol.* 178) giet ezebita sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Hussein Hamada** (Kaz Numru 29/2008) liema sentenza giet immarkata bhala Dok. “FT 7” (*a fol.* 180 *et seq.*). Minkejja li d-difiza, fit-trattazzjoni taghha (*a fol.* 203), tghid li s-seba’ (7) imputazzjoni ma gietx pruvata minhabba li nuqqas ta’ dettalji fil-konnotati tal-imputat u minhabba li ma saritx il-prova tal-identita’ tal-imputat, il-Qorti tinnota li fis-seduta tas-6 ta’ Marzu 2013 gie verbalizzat is-segwenti: *“Id-difiza qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lill-Ispettur*

*Josric Mifsud sabiex jixhed rigward l-identita' ta' Hussein Hamada li jirrizulta f'dokument "FT 7" a fol. 180 et seq. tal-process u dana peress li l-istess difiza tirrikonoxxi illi l-imputat fid-dokument imsemmi huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna" (a fol.* 197).

Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li anke s-seba' (7) imputazzjoni miguba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss s-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew pruvati, il-fedina penali tieghu (Dok. "FT 1" – *a fol.* 7 *et seq.*) u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recediv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront tat-tieni (2) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, *stante* rinunzja, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-5 ta' Dicembru 2012 b'mod partikolari Artikoli 49, 50 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Hussein Hamada hati tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin Euro (€ 250.00).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' mija u wiehed u disghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€ 191.87) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f'dan il-kaz (*a fol.* 130).

Finalment, il-Qorti, in vista tal-fatt li l-parti leza rrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, ma

tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif mitlub fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u, ghaldaqstant, tali talba qed tigi michuda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------